



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2016
SWD(2016) 248 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmi għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima

{ COM(2016) 482 final }

{ SWD(2016) 247 final }

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatti ta' Proposta għal Regolament dwar tnaqqis vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra bejn l-2021 u l-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jintlaħqu l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għalfejn? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
Fil-Ftehim ta' Pariġi l-UE impenjat ruħha għal mira ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40% tal-emissjonijiet serra (GHG) sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Għas-setturi li mhumiex fl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (li ma jaqgħux taħt l-ETS), il-Kummissjoni pproponiet mira ta' -30% mqabbla mal-2005, sal-2030. Wieħed ma jistax jistenna li dawn il-miri jintlaħqu permezz tal-politiki attwali biss. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew ħatar lill-Kummissjoni biex tikkonverti l-mira tal-UE f'miri nazzjonali.
X'inhu mistenni li tikseb din l-inizjattiva?
L-għan huwa li jintlaħaq tnaqqis ta' 30% tal-gassijiet serra mqabbla mal-livell tal-2005, fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, b'mod li jkun ġust għall-Istati Membri bil-kapaċitajiet differenti tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-kosteffiċjenza u l-integrità ambjentali fil-livell tal-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-UE u l-Istati Membri tagħha jipparteċipaw flimkien fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. L-azzjoni konġunta tippermetti li l-UE tindirizza l-kwistjonijiet tal-ekwità u tal-effiċjenza filwaqt li tilħaq mira ambjentali ambizzjuża. L-Artikoli 191 sa 193 tat-TFUE jikkonfermaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima.
B. Is-soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?
Il-miri nazzjonali għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS ilhom stabbiliti mill-2013, fl-hekk imsejja Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD). Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li dan l-istrument għandu jibqa' jintuża anki fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 biex jirregola t-tnaqqis tal-gassijiet serra fl-UE. Fuq din il-gwida, il-valutazzjoni tal-impatti teżamina (i) kif għandhom jiġi stabbiliti l-miri fil-livell tal-Istati Membri b'mod ġust skont il-PDG per capita filwaqt li titqies ukoll il-kosteffiċjenza, u (ii) kif jistgħu jittejjbu l-flessibbiltajiet eżistenti u ġodda li jiżguraw li l-miri jkun jistgħu jintlaħqu b'mod kosteffiċjenti filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Il-flessibbiltajiet il-ġodda jinkludu rabta limitata mas-settur tal-użu tal-art u flessibilità ta' darba limitata mill-iskema tal-ETS għal barra mill-ETS.
Min jiffavorixxi l-għażliet diversi individwali?
Il-Kunsill Ewropew ipprova gwida dettaljata dwar l-għażliet politiċi li se jiġi analizzati. Bosta partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-integrità ambjentali biex ikun żgurat li l-UE effettivament tilħaq il-mira tagħha tal-2030 għall-gassijiet serra.
C. L-impatti tal-għażla preferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, jew inkella tal-għażliet ewlenin)?
L-istabbiliment tal-miri ta' barra l-iskema tal-ETS abbażi tal-PDG per capita jindirizza l-kwistjoni tal-ġustizzja li hija ewlenija għall-Istati Membri. L-aġġustamenti ulterjuri previsti tal-miri għall-Istati Membri li għandhom dħul kbir, flimkien mat-titjib tal-flessibbiltajiet eżistenti u ġodda, jippermettu

kisba kosteffiċjenti tal-mira. Biex tkun żgurata l-integrità ambjentali ġenerali, hemm bżonn li l-flessibbiltajiet ikunu limitati biex b'hekk ikun evitat rendiment baxx tal-impenn internazzjonali tal-UE li tilħaq mill-inqas tnaqqis ta' 40% tal-emissjoniet tal-gassijiet serra mqabbla mal-1990, sal-2030.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażliet ippreferuti (jekk hemm, jew inkella ta' dawk ewlenin)?

L-ispejjeż marbutin mal-ilħuq tal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra madwar l-UE, inkluża l-mira biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu bi 30% fis-setturi li mhumex fl-ETS, ġew evalwati fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatti preċedenti li kienet takkumpanja l-proposta għal "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030"¹. Għe stmat li tnaqqis domestiku ta' 40% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jwassal għal spejjeż addizzjonali ta' 0,15-0,54% għas-sistema tal-enerġija mqabbel mal-PDG fl-2030. Din l-istima tal-impatti tistudja l-impatti fid-distribuzzjoni, b'mod partikolari, safejn il-miri tat-tnaqqis tal-Istati Membri fis-setturi mhux tal-ETS, li jiġu ddeterminati abbażi tal-PDG per capita, jiddevjaw mill-potenzjal tal-kosteffiċjenza tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi koperti mill-ESD, u safejn jistgħu jgħinu l-flessibbiltajiet jew l-aġġustamenti tal-miri biex inaqqsu kemm jista' jkun dawn id-devjazzjonijiet.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Ma hemmx obbligi ta' rapportar diretti jew xi konsegwenzi amministrattivi oħrajn għan-negozji, għall-SMEs jew għall-mikrointrapriżi. Kull miżura ta' tnaqqis, kemm nazzjonali, kif ukoll tal-UE, se tolgot b'xi mod indirett lin-negozji, skont in-natura u l-ambitu tagħha, Meta jkun hemm dawn l-effetti, hemm bżonn li jiġu vvalutati fi ħdan dawk il-proposti politiċi speċifiċi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-proposta biex l-istabbiliment tal-miri jkunu nazzjonali tnaqqas l-impatti finanzjarji għall-Istati Membri li m'għandhomx dħul kbir, meta mqabbel ma' proposta li tibbaża l-miri biss fuq il-kosteffiċjenza. Il-proposta tipprevedi flessibbiltà mtejba biex tiżgura li anki l-ispejjeż għall-Istati Membri li għandhom dħul kbir jibqgħu limitati. Ġew irrakkomandati li l-kontrolli tal-konformità jsiru ħafna inqas ta' spiss, jiġifieri kull ħames snin minflok kull sena, u dan inaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-Kummissjoni Ewropea.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ikunx hemm aktar impatti jiddependi mill-politiki u l-miżuri li jagħżel kull pajjiż individwali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi, ġie rrakkomandat li jsir rieżami kull ħames snin mill-2024 'il quddiem.

¹ SWD 2014 (15) final